MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-10 ta' Lulju, 2009

Avviz Numru. 244/2007

**C&H Bartoli Ltd (C383)**

**Vs**

**Joseph Caruana**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fit-8 t'Awissu 2007 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenut li jhallas is-somma ta' tlett elef sitt mija u sittax-il lira Maltija tmienja u ghoxrin centemzi (Lm3,616.28) bilanc ta' somma dovuta bhala prezz ta' oggetti mibjugha u kkonsenjati lilu skond l-istatement Dok X hawn anness. Bl-ispejjez tal-prezenti proceduri u tal-ittra legali tat-28 ta' Mejju 2007 (Lm10) (Dok Y) u tal-mandat ta' qbid kontestwali. Bl-imghax mid-data tal-ahhar invoice cioe' mis-6 ta' Gunju 2007 kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut fejn espona:

Illi permezz ta’ din ir-risposta l-konvenut jixtieq jipprevalixxi ruhu mid-dritt tieghu li jirribatti u jopponi t-talbiet tas-socjeta’ attrici, u dan stante li l-pretensjonijiet tas-socjeta’ attrici huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan billi:-

1. B’riserva ghad-drittijiet ta’ azzjoni spettanti lill-konvenut, is-socjeta’ attrici giet kemm-il darba interpellata sabiex tirranga s-sitwazzjoni tal-makkinarju sabiex tithallas is-somma kompluta ghas-saldu tal-prezz bonarjament miftiehem bejn il-partijiet, izda din baqghet inadempjenti.

2. Subordinatament, l-oggetti mibjugha mis-socjeta’ attrici lill-konvenut ma kienux skond dak li kien gie pattwit bejn il-partijiet, u dan stante li l-apparat, makkinarju u ngenji ma humiex adegwati ghal modalita’ ta’ xoghol tal-hanut tal-konvenut, kif ser jigi muri waqt l-andament tal-kawza, okkorrendo permezz ta’ periti nominandi.

3. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-sueccepit, l-oggetti mibjugha lanqas ma huma adegwati skond id-dettami tal-arti u l-professjoni kulinarja, kif ser jigi muri waqt il-kors tal-kawza;

4. Il-konvenut qieghed prezenzjalment isofri danni li qeghdin jigu rekati fil-hanut tieghu, unikament kagun l-inkompetenza tas-socjeta’ attrici li tinstalla apparat adegwat u ghalhekk ser ikollu wkoll ibati l-ispejjez ta’ istallazzjonijiet u makkinarju gdid minghand fornituri ohra;

5. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, is-somma mitluba mis-socjeta’ attrici hija ferm ezagerata u dan ghax preliminarjament ma tinkludix is-sommom li diga’ thallsu mill-konvenut, akkont tal-prezz bl-addebita tnaqqis skond il-ligi;

6. It-talba ghall-ispejjez inkorsi mis-socjeta’ attrici hija ghall-ahhar kapriccjuza u dan stante li ma gharrfitx tintavola l-azzjoni taghha, mertu ta’ din il-kawza quddiem

it-Tribunal tat-Talbiet iz-Zghar, sabiex timmitiga l-effetti oneruzi fuq il-konvenut;

Ghaldaqstant, ghal motivi premessi u l-provi kollha producibbli fl-istadju opportun tal-kawza, l-esponent umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti, joghgobha;

1. Tichad u tirrespingi t-talbiet kollha attrici, bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u tillibera lill-konvenut minn kull imputazzjoni jew htija skond il-Ligi; u/jew

2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel talba, tillikwida d-danni sofferti mill-konvenut u tikkundanna lis-socjeta' attrici ghal hlas ta' l-istess; u/jew:

3. Tordna lis-socjeta' attrici li taghmel it-tiswijiet necessarji u opportuni sabiex il-makkinarju, ingenji u apparat mibjugh ikun effikaci kif reklamat jew xort'ohra tnehhi dak l-apparat malfunzjonanti u tirripristina l-fond de quo fl-istat li kien qabel ma saru x-xogholijiet, u dan kollu a karigu taghha; u/jew

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-ewwel u t-tieni talbiet tal-konvenut, tillikwida l-hlas dovut lis-socjeta' attrici tenut kont tal-hlasijiet li saru mill-konvenut lis-socjeta' attrici; u

5. Tiehu kull provvediment iehor, necessarju u opportun skond il-ligi;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta' din l-istanza, u l-imghax legali, kollha kontra s-socjeta' attrici.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici ghall-kontro-talba tal-konvenut Joseph Caruana fejn esponiet:

Illi minn ezami tal-imsemmija risposta tal-konvenut jidher car li l-konvenut ma segwiex il-procedura imposta mill-Art 398 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Skond l-Art 398(2): "Il-kontro-talba ghandha titressaq wara

l-eccezzjonijiet ghat-talba originali li jsiru kif mehtieg bil-ligi u l-konvenut ghandu dwar il-kontro-talba jhares kemm jista’ jkun ir-regoli stabiliti f’dan il-Kodici jew b’xi ligi ohra….”

Jidher mill-ewwel minn ezami tal-imsemmija  risposta tal-konvenut illi huwa hawwad flimkien il-kontestazzjoni tieghu dwar il-meritu u l-pretensjoni tieghu dwar il-kontro-talba.

Ghal din ir-raguni l-kumpanija attrici tissottometti n-nullita’ kompleta tal-imsemmija risposta tal-konvenut li saret kontra l-ligi u li ghalhekk il-konvenut ghandu jigi ritenut  li huwa kontumaci.

Subordinatament u bla pregudizzju ghal dak li gie sottomess hawn fuq il-konvenut ammetta li ghandu jaghti s-somma mitluba.  Infatti huwa kien offra permezz ta’ email tad-difensur tieghu tat-30 t’Ottubru 2007 li jhallas 10 cheques ta’ Lm150-il wiehed “in partial settlement of your claims”.  In fatti kien tahom dawn ic-cheques. Jidher li l-konvenut irid jirbah iz-zmien biex ihallas is-somma dovuta lill-kumpanija attrici.

Rat in-nota tal-11 ta’ Mejju 2009 fejn is-socjeta’ attrici rriduciet it-talba ghal €3744.14 wara pagament fil-mori tal-kawza.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-avukati difensuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza tirrigwarda talba ghall-hlas tal-bilanc ta’ apparat tal-*catering* industrijali li l-konvenut xtara minghand is-socjeta’ attrici.

Irrizulta mill-provi illi ghal habta ta’ Ottubru 2006 il-konvenut kien avvicina lis-socjeta’ attrici ghall-bejgh ta’

attrezzi jew apparat tal-*catering* ghall-hanut li kien ser jiftah il-Gzira. Ghal habta tal-bidu ta’ Dicembru 2006 gie konsenjat l-apparat. Il-konvenut ghamel zewg pagamenti, wiehed f’Dicembru u l-iehor f’Jannar 2007 oltre d-depozitu li kien ghamel mal-kuntratt. Wara xi zmien il-konvenut beda jilmenta minn problema bl-*extractor fan* u s-socjeta’ attrici qabbdet lill-Ingineer Joseph Muscat biex jispezzjona l-apparat u jaghmel rapport. Dan ir-rapport fih id-data 2 t’Awissu 2007 u jinsab esebit f’dawn l-atti a fol 23. Jirrizulta li l-*stainless steel canopy filters* kienu mimlija biz-zejt, il-*mash filters* u zewg *paper bag filters* kienu kompletament imblukkati biz-zejt u l-*bag filters* kienu wkoll mahsula biz-zejt. Dan kien ifisser nuqqas ta’ manteniment fil-*filters* peress li ma kienux imnaddfa u kien ghalhekk li l-*extractor fan* ma kienx qed jiffunzjona kif suppost. Barra minn hekk, irrizultaw wisq dawrien fid-*ducting* ta’ l-arja biex b’hekk il-fan ma kienx aktar efficjenti. Fi kwalunkwe kaz il-konvenut kien accetta li fil-mori tal-kawza jhallas ghall-attrezzi u apparat kollu li kien ghad fadallu fil-hanut li dwarhom ma kienx hemm kontestazzjoni u halla biss din il-kwistjoni ta’ l-*extractor fan* pendenti bejn il-partijiet.

Alan Bartoli d-direttur tas-socjeta’ attrici xehed illi wara l-hlasijiet li saru fil-mori tal-kawza l-konvenut kien ghad fadallu bilanc ta’ €3081.95 li maghhom kellu jizdied ir-rapport ta’ l-Ingineer kif ukoll l-interessi peress li skond il-kuntratt l-interessi jibdew ighaddu minn dakinhar tal-konsenja jekk ma jsirx il-hlas. Permezz ta’ nota ta’ riduzzjoni tal-11 ta’ Mejju 2009 is-socjeta’ attrici pprezentat prospett dettaljat Dokument AB (fol 38 A) illi wera l-pagamenti maghmula fil-mori tal-kawza, kif ukoll il-pagament lill-Ingineer u l-interessi, biex sadakinhar kien fadal bilanc ta’ €3744.14.

Il-konvenut min naha l-ohra jilmenta li filwaqt li fil-kuntratt kien hemm miktub li kellu jigi supplit *fan two speed*, filfatt gie supplit *fan* bi *speed* wiehed li kien dak gholi. Id-*ducting* kien ghamlu hu fuq suggeriment tas-socjeta’ attrici u jekk kien hemm xi haga hazina f’dan, allura f’dak il-kaz kellha tkun is-socjeta’ attrici responsabbli. Spjega illi ma kienx minnu li ma jaghmlux manteniment fuq il-filters peress illi dawna jitnaddfu regolarment.

Xehed ukoll Alberto Caruana fejn iddeskriva l-operazzjoni tal-filters, it-tindif li kien jaghmel u l-uzu ta' l-*extractor fan* skond il-pressjoni tax-xoghol li jkollhom fil-hanut. Fl-ahhar il-konvenut a fol 49 stqarr li l-apparat ghadu nstallat fil-hanut u qed jigi operat minnu. L-extractor fan jopera dejjem fuq high speed u jircievi kontijiet ezagerati ta' l-elettriku. Rega' tenna *"pero' l-apparat li gie nstallat mis-socjeta' attrici ghadu fil-fond u qed jigi wzat bil-limitazzjonijiet tieghu...."*

Ikkunsidrat:

Illi fl-isfond ta' dawn ir-rizultanzi processwali l-Qorti tasal biex tidderimi din il-kwistjoni purament fuq kwistjonijiet legali. Ma hemmx dubbju li bejn il-partijiet kien hemm obbligazzjonijiet kuntrattwali, dak tas-socjeta' attrici li tipprovdi l-apparat li ordna l-konvenut u l-konvenut sabiex ihallas dak l-apparat. Is-socjeta' attrici kienet obbligata li tiggarantixxi x-xoghol taghha, l-funzjoni ta' l-apparat mibjugh u li dan jilhaq l-ispecifikazzjonijiet illi jkunu ddisinjati ghalihom kif mitluba mill-klijent u cioe' mill-konvenut.

Irrizulta illi huwa minnu li l-*extractor fan* gie supplit bi speed wiehed, mentri skond il-kuntratt tal-bejgh kellu jkun supplit b'*two speed*. Is-socjeta' attrici kienet offriet li taghmel il-modifiki, izda jidher illi l-konvenut ma tahhom l-ebda risposta dwar din l-offerta u baqa' jinsisti li ma jhallasx il-bilanc dovut fuq l-*extractor fan* sakemm ukoll tigi solvuta l-kwistjoni tad-*ducting* u l-efficjenza ta' l-istess *extractor fan* u dan jidher li huwa l-ilment principali tieghu fin-nota ta' l-eccezzjonijiet. Din in-nota hija wkoll abbinata ma' kontro-talba, izda maghmulha b'mod l-aktar konfuzzjonarju fejn il-Qorti ma tistax tghid liema parti hija l-eccezzjoni u liema parti hija l-kontro-talba. Kien f'dan is-sens illi n-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' attrici kienet talbet in-nullita' tal-kontro-talba tal-konvenut. Filwaqt li l-Qorti tifhem li din it-talba ghandha l-fondament taghha kunsidrat il-mod kif giet ipprezentata l-kontro-talba, l-Qorti pero', kif gia nghad, sejra tghaddi biex tidderimini din il-kwistjoni fuq il-kunsiderazzjonijiet legali biss.

Ikkunsidrat:

Gie stabbilit li minkejja d-difetti li kien qed jilmenta bihom il-konvenut zamm l-apparat u qed joperah bil-limitazzjonijiet tieghu. Il-Qorti ma jidhrilhiex li l-konvenut jista' jzomm l-apparat, ihaddmu, imbaghad jirrifjuta l-pagament tal-hlas tieghu.

Kif qalet il-kawza Carmel Vella vs Rosalie Mifsud deciza mill-Prim Awla fit-2 ta' Novembru 1990 "*dak li jkun jaf bid-difett fil-haga mixtrija u xorta wahda jibqa' jaghmel uzu mill-haga mixtrija, qieghed kontinwament ikompli jesegwixxi l-kuntratt li dahal fih, u dan billi juzufruwixxi mill-haga mixtrija bhal li kieku din ma kellha xejn. Din fiha nnifisha hija ratifika ta' l-obbligazzjoni minnu assunta, u cioe' li jaffettwa l-pagament tal-haga mixtrija.*" (Ara wkoll Frederick Micallef et vs May Sullivan Appell Inferjuri 22 ta' Novembru 2002). Dan hu proprju dak illi qieghed jaghmel il-konvenut illi jkompli jesegwixxi l-kuntratt bl-uzu tal-haga mixtrija u ma jistax issa jkompli jopponi t-talba tas-socjeta' attrici ghal hlas ta' l-oggett li taghha l-konvenut qieghed jaghmel uzu.

Ghal dak li jirrigwarda l-kontro-talba, apparti l-istat konfuzjonarju taghha, l-Qorti tassumi li dina hija talba ghad-danni, kawza ta' l-inadempjenza tas-socjeta' attrici li tissuplixxi dak li effettivament il-konvenut kien ordna. Din it-talba ghad-danni hija wkoll abbinata mat-talba li jsiru t-tiswijiet necessarji u fin-nuqqas l-apparat jitnehha mill-fond.

Il-konvenut donnu qieghed jinvoka favur tieghu l-Artikolu 1390 tal-Kap 16 meta l-oggett mibjugh ma jkunx tal-kwalita' miftiehma. Dan l-artikolu jghid *"jekk il-haga li l-bejjiegh igib biex il-kunsinna ma tkunx tal-kwalita' imwieghda, jew ma tkunx bhal kampjun illi fuqu l-bejgh ikun sar, ix-xerrej jista' jaghzel jew li jirrifjuta l-haga u jitlob id-danni, jew li jircievi l-haga bi prezz anqas fuq stima ta' perit."* Il-konvenut qieghed donnu jikkonfondi dawn iz-zewg azzjonijiet. F'din il-kontro-talba qieghed jitlob id-danni, izomm il-haga, jitlob li tigi msewwija u fin-nuqqas

tittiehed lura mill-bejjiegh. Jekk il-konvenut deherlu li giet mibjugha haga li huwa ma ordnax jew inkella bhal kampjun, allura huwa kellu jitlob kawza ad hoc ghar-rexissjoni tal-kuntratt jew inkella jzomm il-haga bi prezz anqas.

F'Buttigieg vs Hertz (Vol XXX11 pt 1 pg 163) il-Qorti kienet ghallmet *"jekk l-oggett ma jkunx konformi ghall-ftehim ma hemmx vizzju redibitorju, imma jkun il-kaz ta' inadempjenza tal-kuntratt, li m'ghandha x'taqsam xejn mal-garanziji tal-vizzji redibitorji.*

*Il-kompratur ghandu dritt jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt meta l-oggett ma jkunx konformi ghall-ftehim, avolja jkun ircieva l-oggett tal-bejgh, sakemm ma jkunx tilef dan id-dritt f'att tieghu stess."*

Jekk l-attur qieghed jitlob ir-rizoluzzjoni tal-bejgh f'din il-kontro-talba meta qieghed ighid illi s-socjeta' attrici ghandha tiehu lura l-apparat u tirriprestina l-fond fl-istat li kien qabel ma saru x-xogholijiet, allura dana kien jinkombi fuq il-konvenut li l-ewwel jiddepozita formalment l-apparat il-Qorti. Dan irid isir fil-bidunett fit-terminu koncess mill-ligi ghall-istituzzjoni ta' azzjoni bhal din. Fil-kawza L&D Attard Company Limited vs Euro Metal Company Limited deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Jannar 2005 il-Qorti *"kienet sodisfatta li l-kompratur irreagixxa biex jirrexindi l-kuntratt biss meta ri-infaccat b'talba ghad-danni"*, hija cahdet it-talbiet tal-kompratur u ddikjarat *"l-oggetti kellhom ab inizio jigu depozitati fir-registru tal-Qorti, jew jekk izommhom, allura jitlob ir-riduzzjoni fil-prezz."* Minn dan kollu l-konvenut ma ghamel xejn u kien biss wara li gie ri-infaccat bit-talba ghall-hlas tal-bilanc illi rreagixxa u pprova jistitwixxi azzjoni, taht liema kappa mhuwiex car, sabiex ma jhallasx dak il-bilanc dovut lis-socjeta' attrici. Jekk qed jitlob ir-rizoluzzjoni tal-kuntratt, allura dan ormai huwa tard wisq u l-konvenut *"tilef dan id-dritt b'fatt tieghu stess."*

Ghal dak li jirrigwarda t-talba tad-danni, hawnhekk ukoll il-Qorti ssib stat konfuzzjonarju bil-mod kif gie mitlub fejn fl-ewwel kontro-talba qieghed jitlob ic-cahda tat-talbiet kollha attrici bhala nfondati fil-fatt u fid-dritt u fir-raba' talba

jitlob illi l-Qorti tillikwida l-hlas dovut lis-socjeta’ attrici. Hi x’inhi, jidher li l-konvenut qieghed jibbaza l-ilment tieghu tad-danni ghal foga li kien qed ikollu fil-hanut u l-kontijiet ezagerati tad-dawl illi kien qed jircievi b’konsegwenza ta’ l-operazzjoni bi speed wiehed tal-*extractor fan*. Id-dikjarazzjoni tal-konvenut mhijiex konfortata b’dokumenti jew xi provi ohra u tibqa’ dikjarazzjoni generika li ma gietx ippruvata u lanqas ma taghmel sens legali.

Kif qalet il-kawza <u>Joe Xuereb Holdings Company Limited vs Marlene mart Francis Xuereb et deciza mill-Prim Awla fit-30 ta’ Gunju 2005</u> *“dikjarazzjonijiet generici ta’ telf finanzjarju kawzati bl-agir tal-kreditur ma jiggustifikawx lid-debitur li jzomm lura pagamenti ta’ dejn. Jekk persuna tonqos milli tesegwixxi sehemha mill-ftehim skond id-diligenza mistennija mill-bonus pater familias, wiehed kellu diversi ghazliet quddiemu...”* Ghalhekk il-konvenut ma kellu l-ebda dritt izomm lura pagament sew biex igieghel lis-socjeta’ attrici taghmel dak li jrid, jew inkella illi unilateralment jipproponi tpacija li ma gietx accettata mill-parti l-ohra. Id-dikjarazzjonijiet tal-konvenut baqghu generici u issa ma jistax izomm lura l-pagament dovut lis-socjeta’ attrici.

Ghal dawn il-motivi,.

Il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut kif ukoll tichad il-kontro-talba tieghu, tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenut li jhallas l-ammont ta’ €3744.14 bilanc ta’ somma akbar dovuta bhala prezz ta’ apparat mibjugh u kkonsenjat lilu mis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez u l-interessi legali minn Novembru 2008 (Dok AB 4 Fol 36) kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------